MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 750/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Uniservices Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ippremettew illi:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 1966/97RCP) giet deciza min din il-Qorti fis-26 ta' Novembru, 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-*Maltacom plc* s-somma ta' Lm1302.32 (elf tlett mija u zewg liri Maltin u tnejn u tletin centezmu), *in konnessjoni* mas-servizz telefoniku numru 240173 li kien installat fil-fond *Factory A1, Industrial Estate, Marsa*, bl-imghax u bl-ispejjez.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-*sorte* fuq indikati, *oltre* Lm181.50 (mija wiehed u tmenin liri Maltin u hamsin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *“A”* kif ukoll Lm685.88 (sitt mija, hamsa u tmenin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm2169.70 (elfejn, mija u disgha u sittin liri maltin u sebghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lis-socjeta’ intimata li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u lanqas ma dehret fl-udjenza biex tikkontesta t-talba tar-rikorrenti u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ intimata tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------